**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 58/2019BS**

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marija Annunziata sive Nancy Falcone, kif debitament awtorizzat in forza ta' prokura hawn immarkata bhala dokument 'A'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Kevin Mompalao ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marija Annunziata sive Nancy Falcone illi ppremetta:

1. Illi l-attrici Nancy Falcone twieldet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u hamsa u hamsin (1955), liema twelid huwa registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex, fl-Att tat-Twelid u r-Registru ta' persuni Addottati, bin-numru mitejn u hamsa u ghoxrin zbarra elf, disa' mija u hamsa u hamsin (225/1955), hawn anness u mmarkat bhala dokument 'B'.

2. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid tal-attrici huwa skorett fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild", isem l-attrici huwa ndikat bhala "MARIJA ANNUNZIATA", meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala "NANCY".

3. Illi l-attrici trid illi isimha jigi kkoregut b'tali mod illi fejn tinkorri l-isem "Marija Annunziata" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "NANCY".

4. Illi l-attrici hija kommonament maghrufa bhala "Nancy" minn twelida.

5. Illi wara petizzjoni migjuba mill-attrici quddiem id-*District Court* tal-*Eastern District of New York*, fi hdan l-Istati Uniti tal-Amerika, din l-istess Qorti, b'ordni tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), laqghet it-talba tal-attrici biex jinbidel isimha minn "MARIJA ANNUNZIATA" ghal "NANCY", liema ordni qed tigi annessa hawn u mmarkata bhala dokument 'C'.

6. Illi l-akkoljiment ta' din it-talba tista' tigi kkonfermata kemm mill-passaport tal-attrici u kif ukoll mil-licenzja tas-sewqan taghha (kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument 'D' u 'E').

7. Illi l-attrici trid illi ssir d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid taghha w dan stante illi hi qed ikollha diversi problemi kull meta tigi mitluba tipprovdi c-certifikat tat-twelid.

8. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-Avukat Dottor Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti suesposti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mitejn u hamsa u ghoxrin zbarra elf, disa' mija u hamsa u hamsin (225/1955), relattiv ghat-twelid ta' Nancy Falcone huma skoretti fis-sens fuq spjegat.

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attrici tinkorri l-isem "MARIJA ANNUNZIATA" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "NANCY".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex illi eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi l-esponent jecepixxi illi ai termini tal-Artikoli 559 u 560 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha taccerta ruhha illi l-attur igib l-ahjar prova possibbli sabiex jissustanzja l-argumenti tieghu. Jidher illi d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat in risposta mhumiex fil-fatt certifikati originali kif il-Ligi titlob;

3. Illi minghajr pregudizzjoni ghall-paragrafu precedenti l-esponenti ma nghatax kopja tac-certifikat ta' akkoljiment tal-petizzjoni ghall-bidla tal-isem tal-attrici moghtija mid-District Court tal-Eastern District ta' New York fl-Istati Uniti tal-Amerika indikat bhala Dok. C fl-Elenku tad-Dokumenti tar-Rikors Guramentat in risposta.

4. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem mghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizzazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

6. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza stanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat li l-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut hija sorvolata.

Rat ukoll li fis-seduta tal-11 ta Dicembru, 2020, Dr. Sciortino ghall-attrici noe ipprezenta dokument mahrug mill-Istati Unita ta' l-Amerika, liema dokument huwa debitament apostillat. Rat ukoll li l-konvenut wara li ha konjizzjoni tad-dokument imsemmi rrimetta ruhu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2021.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-attur nomine fir-rikors qed jaghmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Mill-atti jirrizulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll bl-aktar mod car illi Nancy Falcone minn dejjem kienet maghrufa bħala Nancy u infatti kulhadd isejjhilha b'dak l-isem. Hadd ma juza l-isem kif imnizzel fuq fic-certifikat tat-twelid.

In vista ta' dawn il-fatti il-Qorti tqis li t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigi milqugha.

Billi ma jirrizultax xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenut allura dan m'ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mitejn u hamsa u ghoxrin zbarra elf, disa' mija u hamsa u hamsin (225/1955), relattiv ghat-twelid ta' Nancy Falcone huwa skorett.**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attrici tinkorri l-isem "MARIJA ANNUNZIATA" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "NANCY".**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu ta' l-attrici.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur